**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 18 ta' Frar 2025**

Rikors Numru: 477/24

AB

vs

CD

(M.R. Numru 630/2003)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-partijiet zzewgu f'Malta nhar is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) [certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat DOK A];

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, XD fil-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) u YD fl-erbgha (4) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hamsa (2005);

3. Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) wara li kienu ilhom de facto sseparati minn Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) [kopja tal-istess hawn anness u mmarkat DOK B];
4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi l- partijiet komplew b'hajjithom separatament minn xulxin;
5. Illi l-manteniment dovut mill-intimat ghal bintu Monique qed jithallas regolarment u dan kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni;
6. Illi ghalhekk l-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku u dan taht kull provediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 t’Ottubru 2024;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li m’ghandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' April 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħhda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.